Malta f'għanejn ħutna ta' barra għalhekk ukoll il-għaqda tagħna taħseb fihom billi xxerred l-opri tagħhom u ssus biex f'Malta stess ma jiġix il-barrani jieklilhom ħobżhom u jdallmilhom il-ħila tagħhom.

Fil-letteratura Maltija għandna fieragħ ieħor: il-produzzjonijiet tal-palk ta' *standard* letterarju għoli. Jixraq li kittieba drammatiċi tagħna jagħmlu l-almu u jidħlu għal dawn ix-xogħlijiet li jagħmlu ġieh lil ġens ta' min ikunu. Kemm jikber il-prestiġju tal-Malti u ta' Malta jekk wara din it-taqtigħa ikollna kumpannija tal-palk li ddur dawra barra u tagħti reċti bil-Malti.

Il-wisa' merfugħ għal din il-kitba ma jħalliniex intawwlu aktar, iżda naħsbu li fissirna ruħna tajjeb biżżejjed biex nagħtu ħjiel ta' dak kollu li l-Qawmien Malti irid jindaħal għalih. Nitolbu mela, l-għajnuna ta' kull min għandu għall-qalbu lsien ġensu ħalli l-Għaqda tagħna tilħaq mad-dmirijiet li għażlet minn rajha u li b'rieda li ma tafx tnikkir trid twettaq bis-sabar u biż-żmien, għall-kobor u l-ġieh ta' Malta u ta' lsienha.

* * *

Għal issa il-Kumitat li waqqaf il-Qawmien Malti jinsab Port Said, iżda l-Kumitat Ċentrali għad irid jingħaqad f'Malta u jieħu f'idejh it-tmexxija ġenerali tal-Għaqda u tal-friegħi tagħha kollha.

**Ant. G. SAID**

XOGHLIJET LETTERARJI LI BI HSIEBU JAGHMEL
« IL-QAWMIEN MALTI »

TBIEGH

ta' «**INEZ FARRUG**» *ta' Ant. E. Caruana*

tal-«**KOTBA TAL-MOGHDIJA TAZ-ZMIEN**»

ta' «**KTIEB TA' KRITIKA TAL-POEZIJA MALTIJA**» *ta' Ġużè Chetcuti*

*Kull min irid jikseb kopji minn dawn il-kotba hu mitlub jibgħat ismu lir-rappreżentant tax-Xirka :-*

*Patri Lettur Leonardu Zammit o.f.m. Rabat*
*jew Lis-Segretarju - Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*
*jew Lis-Segretarju tal-Qawmien, P.O.B. 183 Port Said.*

# MINGHAJR TIXRID TA' DEMM M'HEMMX FIDWA

Minn mindu l-għolja tal-Kalvarju xxarbet bid-demm ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem, twaqqfet għal dejjem fid-dinja l-Knisja ta' Ġesu u tnisslet fi qlub il-bnedmin is-Saltna Tiegħu Mqaddsa, saltna ta' hena, maħfra u mħabba li la ż-żmien, la l-qawwa u l-anqas il-moħqrija ma' jistgħu qatt iżjed jeqirdu mill-ġrajja tad-dinja.

Għoxrin seklu ta' ġlied u ta' theddid ma' setgħux iġarrfuha: għoxrin seklu oħra għad igħaddu fil-ġrajja mgħaġġla tad-dinja li fihom ġnus kbar u saltniet qawwija għad igħobu għal kollox fit-tifkira ta' l-imgħoddi filwaqt li s-Salib tal-Kalvarju għad jissokta isaltan fuq artijiet ġodda u ċiviltà akbar minn tagħna għaliex is-Salib huwa xhieda sħiħa u qawwija tal-Fidwa ta' ruħna, il-Fidwa t'Alla magħ-mul bniedem biex il-bniedem jarġu jissieħeb m'Alla.

Dan kien il-ħsieb ta' missierna San Pawl meta kiteb li "mingħajr tixrid ta' demm m'hemmx fidwa" u elfejn sena ta' ġrajja rebbieħa tal-Knisja Mqaddsa, għalkemm imxarba ta' sikwit bid-dmugħ u bid-demm, wettqgħu għal kollox il-kelma tiegħu nebbieħa.

Malta wkoll kellha f'dawn l-aħħar tlet snin Getsemani ta' agunija qalila u Kalvarju ta' tbatija ħarxa; Getsemani u Kalvarju ta' kull jum u ta' kullħadd li kitbu fil-ġrajja ta' ġżriritna il-paġni nemmija tat-tielet u l-eqqel Assedju li ġarrbet Malta, il-Ġzira qatt mirbuħa.

L-isem tagħha u tal-Maltin uliedha kiseb il-lum ġieh ewlieni għaliex il-martirju tal-ġens malti kien ta' fidwa kbira mhux biss għall-ħarsien u għar-rebħa ta' art twelidna iżda wkoll għar-rebħa ta' l-Alleati fl-Afrika ta' fuq u għall-ħarsien u l-ħakma tal-baħar Mediterran. Is-sehem ta' Malta u ta'uliedha fil-ġlieda għal mewt ma' għedewwa bla ħaqq u bla sewwa kien bla qies. Li kieku Malta ma żammetx sħieħa u waqgħet taħt il-ħakma ta' l-għedewwa, ix-xeħta tal-gwerra kienet tkun il-lum ferm xort' oħra. Il-ħila ta' Malta u l-eroiżmu ta' uliedha fixklu u tajjru fir-riħ il-ħsieb ta' l-istat-maġġur tedesk u ġappuniż: l-għaqda tal-qawwiet ta' Hitler bil-Kanal tas-Swjeż mal-qawwiet ta' Toġo.

Dan hu għaliex il-maħbub Sultan tagħna George VI